MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR. PHILIP MANDUCA

Seduta tat-13 ta' Marzu, 2003

Talba Numru. 135/2003

**Carmel sive Charles jew Charlie Bianco**

**Vs**

**Richard Mangion**

## It-Tribunal

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas ta' Lm1,235.22c (elf u mitejn u hamsa u tletin lira Maltin u tnejn u ghoxrin centezmu) rapprezentanti wiehed u ghoxrin kambjala ta' Lm58.82c (tmienja u hamsin lira Maltin u tnejn u tmenin centezmu) kull wahda li mmaturaw fit-30 ta' kull xahar bejn Frar 1999 u Novembru 2002 u baqghu ma thallsux.

L-imghaxijiet retattivi mid-data tal-maturita tal-kambjali sad-data tal-pagament effettiv u oltre l-ispejjez legali u gudizzjarji inkluzi l-Mandat ta' Qbid kawtelatorju.

Ra li l-konvenut baqa' kontumaci;

Sema' li l-ammont ghadu dovut;

Fic-cirkostanzi, t-Tribunal jilqa' t-talbiet attrici, kif kontenuti bl-ispejjez u l-interessi skond il-Ligi.

--------------------------------TMIEM--------------------------------